

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni, meħuda wara l-eżami mill-ġdid, tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/363/18 tas-27 ta' Frar 2020 li isem VI ma jgħix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-imsemmija kompetizzjoni hija annullata.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 128, 12.4.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2022 – Colombani vs SEAE

(Kawża T-129/21) (¹)

(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Persunal tas-SEAE – Pożizzjoni ta’ Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Kanada – Pożizzjoni ta’ Direttur Medju-Orjent Afrika tat-Tramuntana – Ċaħda ta’ kandidatura”)

(2022/C 340/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-Marc Colombani (Auderghem, il-Belġju) (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spáč, aġenti, assistiti minn M. Troncoso Ferrer u F.-M. Hislairé, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' April 2020 li permezz tagħha s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ċaħad il-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' Direttur Medju-Orjent Afrika tat-Tramuntana (Avviż ta' pożizzjoni vakanti 2020/48) u tad-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha s-SEAE ċaħad il-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kanada (Avviż ta' pożizzjoni vakanti 2020/134).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Jean-Marc Colombani huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 182, 10.5.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2022 – Zdút vs EUIPO – Nehera et (nehera)

(Kawża T-250/21) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea NEHERA – Raġuni assoluta ta’ invalidità – Assenza ta’ mala fide – Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2022/C 340/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ladislav Zdút (Bratislava, is-Slovakkja) (rappreżentant: Y. Echevarría García, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)